



## L-AFRIKA

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika huma regolati mill-[Ftehim ta' Cotonou](#) u l-[Istrateġija Konġunta Afrika-UE](#), li t-tnejn li huma jinkludu dimensjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' żvilupp. L-UE qed taħdem b'mod attiv għall-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fl-Afrika u tinsab impenjata mal-Unjoni Afrikana (UA) f'diversi djalogi politiċi, inklużi dawk dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Il-migrazzjoni saret tikkostitwixxi wieħed mill-elementi ċentrali tar-relazzjonijiet bejn l-Afrika u l-UE. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għadu l-mezz ewlieni għall-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp fl-Afrika.

### IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikolu 217 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#) (TFUE);
- Ftehim ta' Sħubija bejn il-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (Il-Ftehim ta' Cotonou);
- [Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni](#) (TDCA) bejn ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

### IL-FTEHIM TA' COTONOU

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika sub-Saħarjana attwalment huma regolati mill-Ftehim ta' Cotonou, li jstabilixxi l-bażi għar-relazzjonijiet bejn l-UE u 78 pajjiż fil-Grupp tal-AKP. Is-Sudan t'Isfel mhuwiex firmatarju tal-ftehim.

Ir-relazzjonijiet UE-AKP imorru lura għall-Konvenzjonijiet ta' Lomé I-IV (1975-2000) li stabbilixxew id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-kummerċ, li ppermettew li 99.5% tal-prodotti li ġejjin mill-pajjiżi AKP ikollhom aċċess liberu għas-suq Ewropew. Wara Lomé kien segwa l-Ftehim ta' Cotonou, iffirmit fit-23 ta' Ġunju 2000 u huwa validu għal 20 sena. L-għan tal-Ftehim ta' Cotonou hu li jeqred il-faqar billi jintegra aktar bis-sħiħ lill-pajjiżi AKP fl-ekonomija dinjija. Cotonou jinqeda bit-terminu "sħubija", billi jissottolinja l-impenn u r-responsabbiltà reċiproċi, u jenfasizza d-djalogu politiku, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba. Il-Ftehim hu implimentat minn istituzzjonijiet konġunti AKP-UE, inklużi Kunsill tal-Ministri, Kumitat tal-Ambaxxaturi u Assemblea Parlamentari Konġunta. Saru żewġ reviżjonijiet għall-Ftehim ta' Cotonou, fl-2005 u fl-2010 rispettivament. F'Ġunju 2013, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għar-ratifika tar-reviżjoni tal-2010, iżda esprimha "r-riservi fermi tiegħu dwar partijiet mill-Ftehim li ma jirriflettux il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-valuri tal-Unjoni". Il-Parlament oġġezzjona, b'mod partikolari, għall-



assenza ta' klawżola espliċita dwar "in-nondiskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali".

Peress li l-Ftehim ta' Cotonou jiskadi fl-2020, id-diskussjonijiet dwar il-qafas ta' wara l-Ftehim ta' Cotonou għadhom għaddejnin. Fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea tat bidu għal proċess ta' riflessjoni, li kien jinkludi konsultazzjoni pubblika wiesgħa u proċess ta' evalwazzjoni. Din ir-riflessjoni rriżultat fil-pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni konġunta f'Novembru 2016, li stabbiliet għażliet differenti ta' politika għall-ġejjieni. F'Ottubru 2016, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-futur tar-relazzjonijiet AKP-UE wara l-2020. F'Diċembru 2017, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ġiet segwita bi proposta għal direttivi ta' negozjar. Dan id-dokument ġie diskuss fil-Parlament matul l-ewwel nofs tal-2018, u l-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) li esprimiet il-pożizzjoni tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2018. Dan il-proċess laħaq il-qofol tiegħu fil-mandat ta' negozjar tal-UE, maħruġ f'Ġunju 2018, filwaqt li l-pajjiżi AKP ħarġu l-mandat tagħhom f'Mejju. Id-djalogu beda f'Ottubru 2018 u erba' ċikli ta' negozjati ġew ikkompletati.

## STRATEĠIJA KONĠUNTA AFRIKA-UE (JAES)

Il-politika ġenerali tal-UE fir-rigward tal-54 stat Afrikan hi l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE (JAES). Il-JAES ġiet adottata mill-mexxejja Ewropej u Afrikani fit-tieni summit UE-Afrika f'Lisbona f'Diċembru 2007. L-iskop ta' din l-istrateġija kien li twassal ir-relazzjonijiet Afrika-UE għal livell strateġiku ġdid bi sħubija politika msaħħa u b'kooperazzjoni mtejbja fil-livelli kollha. L-għanijiet tagħha huma li:

- Tmur lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp, billi tiftaħ ir-relazzjonijiet bejn l-Afrika u l-UE dwar kwistjonijiet ta' interess politiku komuni;
- Tmur lil hinn mill-kwistjonijiet purament Afrikani, billi tindirizza b'mod effikaċi l-isfidi dinjin bħalma huma l-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-paċi u s-sigurtà;
- Tappoġġja l-aspirazzjonijiet tal-Afrika sabiex tneġġeġ reazzjonijiet transreġjonali u kontinentali għal dawn l-isfidi importanti;
- Taħdem favur sħubija ċċentrata fuq il-persuni, billi tiżgura parteċipazzjoni aħjar min-naħa taċ-ċittadini Afrikani u Ewropej.

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, il-JAES oriġinarjament stabbiliet tmien sħubijiet tematiċi għall-kooperazzjoni. Ir-raba' summit UE-Afrika, li sar fi Brussell f'April 2014, wassal għall-adozzjoni ta' dikjarazzjoni politika mill-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern, u pjan direzzjonali orjentat lejn ir-riżultati għall-perjodu 2014-2017. Waqt is-summit ġie deċiż li t-tmien sħubijiet tematiċi inizjali jiġu orjentati mill-ġdid madwar ħames oqsma ta' prijorità: (i) il-paċi u sigurtà, (ii) id-demokrazija, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem; (iii) l-iżvilupp tal-bniedem; (iv) l-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli u inklużivi u l-integrazzjoni kontinentali; u (v) il-kwistjonijiet globali u emerġenti. F'dan il-qafas il-ġdid ta' kooperazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni huma rikonoxxuti bħala kwistjoni trażversali, fid-dawl tal-kontribut tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi ta' żvilupp soċjoekonomiku l-oħrajn kollha. Dikjarazzjoni separata dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà ġiet approvata, flimkien ma' pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u t-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll għat-titjib tal-protezzjoni internazzjonali, organizzazzjoni aħjar tal-migrazzjoni legali u t-tiżiħ tar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp.



F'Novembru 2015, l-UE u l-Afrika kellhom [summit fil-Belt Valletta](#) (Malta) li ffoka fuq il-migrazzjoni u wassal għall-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u t-tnedija tal-[Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE](#) (EUTF) li jammonta għal EUR 1.8 biljun għall-Afrika, maħsub biex jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzati tal-popolazzjonijiet fl-Afrika. F'konformità mal-istrateġija globali l-ġdida tal-UE, f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet qafas ta' sħubija ġdida dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi. Għal dak li għandu x'jaqsam ma finanzjament fuq żmien twil, f'Settembru 2016, il-Kummissjoni ħabbret il-ħolqien ta' [Pjan ta' Investiment Estern Ewropew](#), li jinkludi strument finanzjarju innovattiv ġdid, [il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli](#) (EFSD).

Il-ħames summit [UE-Unjoni Afrikana](#) sar fil-Kosta tal-Avorju f'Novembru 2017 bit-tema ċentrali "Ninvestu fiż-Żgħażaġġ". Din hija kwistjoni ewlenija għaż-żewġ sħab, peress li 60% tal-popolazzjoni Afrikana għandhom inqas minn 25 sena. Bi tnejn għal dan l-avveniment, f'Mejju 2017, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President ippubblikaw komunikazzjoni konġunta għal [impetu mġedded tas-Sħubija Afrika-UE](#). Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew ospita konferenza ta' livell għoli sabiex jipromwovi l-viżjoni tiegħu ta' sħubija ġdida qabel is-summit, li għabet flimkien mexxejja politiċi kif ukoll lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE u l-Afrika, bil-għan li jiddiskutu l-paċi u s-sigurtà, it-tkabbir ekonomiku, il-migrazzjoni u ż-żgħażaġġ. Waqt is-summit, il-mexxejja tal-UE u l-mexxejja Afrikani adottaw [dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet komuni għal sħubija bejn l-UE u l-Afrika](#) f'erba' oqsma: (i) l-opportunitajiet ekonomiċi għaż-żgħażaġġ; (ii) il-paċi u sigurtà, (iii) il-mobbiltà u l-migrazzjoni; u (iv) il-kooperazzjoni u l-governanza. Huma kkundannaw ukoll it-trattament inuman tal-migranti u r-rifuġjati fil-Libja, u adottaw [dikjarazzjoni konġunta](#) dwar il-kwistjoni.

## IL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

L-UE għadha l-akbar donatur tal-Afrika. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp titwassal permezz ta' strumenti finanzjarji differenti. Minn dawn, l-aktar importanti huwa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), li huwa msejjes fuq il-Ftehim ta' Cotonou u li mhuwiex parti mill-baġit komuni tal-UE (ara l-iskeda informattiva separata [5.3.1](#) dwar l-iżvilupp). Din l-istruttura finanzjarja tista' tinbidel b'riżultat tan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE l-ġdid għall-perjodu 2021-2028 (ara l-iskeda informattiva separata [1.4.3](#) dwar din il-kwistjoni), li bdew fl-2018 u għandhom jiġu konklużi sa tmiem l-2019 jew kmieni fl-2020. Il-11-il FEŻ għandu baġit ta' EUR 29.1 biljun: EUR 24.3 biljun għall-programmi nazzjonali u reġjonali ta' kooperazzjoni, EUR 3.6 biljun għall-kooperazzjoni intra-AKP, u EUR 1.1 biljun għall-Faċilità ta' Investiment AKP, ġestita mill-Bank Ewropew tal-Investment.

Il-FEŻ ikopri l-pajjiżi Afrikani kollha li jagħmlu parti mill-Ftehim ta' Cotonou, ħlief l-Afrika t'Isfel, li l-fondi ta' kooperazzjoni tagħha ġejjin mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), li huwa parti mill-baġit komuni tal-UE. Id-DCI l-ġdid għall-2014-2020 jalloka wkoll EUR 845 miljun lill-Programm Pan-Afrikani (PANAF), li nħoloq biex jiffinanzja l-JAES u l-attivitajiet kontinentali u transkontinentali.

L-istrumenti finanzjarji l-oħra relatati mal-Afrika jinkludu l-Istrument Ewropew tal-Viċinat għall-Afrika ta' Fuq, il-programmi tematiċi taħt id-DCI ("il-beni pubbliċi u l-isfidi globali")



u "s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali"), u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR).

Għadd ta' pajjiżi Afrikani li jinsabu fl-Afrika ta' Fuq, fil-Qarn tal-Afrika u fir-reġjuni tas-Saħel u l-Lag Chad jibbenefikaw ukoll mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika li nħoloq reċentement. Mindu tnieda l-fond, l-ammont totali ta' finanzjament disponibbli għat-tliet taqsimiet reġjonali żdied għal aktar minn EUR 3.6 biljun.

## IR-RELAZZJONIJIET KUMMERĊJALI

L-istrumenti prinċipali li jipromwovu l-kummerċ bejn l-UE u r-reġjuni tal-Afrika huma l-ftehimiet ta' kummerċ kompatibbli mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ imsejħa "Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika". Madankollu, in-negozjati dwar dawn il-ftehimiet, li bdew fl-2002, kienu diffiċli u ma setgħux jiġu ffinalizzati, kif antiċipat, sal-2008. B'riżultat ta' dan, l-UE adottat regolament dwar l-aċċess għas-suq sabiex tiżgura arranġamenti temporanji ta' aċċess għa-suq sal-2014, li sussegwentement ġie estiż (ara l-iskeda informattiva separata dwar l-iskemi kummerċjali applikati għal pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp).

Is-sitwazzjoni kurrenti fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika hija din li ġejja:

- L-Afrika tal-Punent — in-negozjati ta' livell tekniku bejn l-UE u 16-il pajjiż tal-Afrika tal-Punent intemmu fi Frar 2014. It-test ġie inizjalat fit-30 ta' Ġunju, u fl-10 ta' Lulju 2014 il-kapijiet tal-istati tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) approvaw il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u qablu li jiffirmawh. Bħalissa għaddej il-proċess ta' ffirmar. Madankollu, in-Niġerja tirrifjuta li tiffirma l-ftehim.
- L-Afrika Ċentrali — il-Kamerun kien l-uniku pajjiż fir-reġjun li ffirmaw l-ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim tal-Afrika Ċentrali f'Jannar 2009. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehim f'Ġunju 2013, u l-Parlament tal-Kamerun approva r-ratiffika f'Lulju 2014. Minn Awwissu 2014 'il hawn, il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju fil-Kamerun.
- L-Afrika tal-Lvant u l-Afrika tan-Nofsinhar — fl-2009, erba' pajjiżi minn dan ir-reġjun iffirmaw il-ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim: il-Mauritius, is-Seychelles, iż-Żimbabwe u Madagascar. Dan ġie applikat b'mod proviżorju minn Mejju 2012, u l-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu għar-ratiffika f'Jannar 2013. In-negozjati dwar il-ftehim ta' Sħubija Ekonomika reġjonali sħiħ għadhom għaddejjin.
- Il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant — fis-16 ta' Ottubru 2014, ġie konkluż Ftehim ta' Sħubija Ekonomika reġjonali sħiħ bejn l-UE u l-Burundi, ir-Rwanda, it-Tanzanija, il-Kenja u l-Uganda. Madankollu, il-Kenja u r-Rwanda biss iffirmaw il-ftehim (f'Settembru 2016).
- Il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika — fil-15 ta' Lulju 2014 ġew konklużi b'suċċess in-negozjati dwar il-ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Botswana, il-Lesoto, l-Afrika t'Isfel, is-Swaziland u l-Mozambique, minn naħa u l-UE min-naħa l-oħra. Id-dispożizzjonijiet kummerċjali fil-ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni tal-1999 bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel se jiġu sostitwiti minn dawk li jinsabu fil-ftehim ta' Sħubija Ekonomika reġjonali. L-UE u l-pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ffirmaw il-ftehim ta' Sħubija



Ekonomika fil-Botswana f'Ġunju 2016 u l-ftehim daħal f'applikazzjoni proviżorja f'Ottubru 2016 għall-pajjiżi kollha ħlief għall-Mozambique, fejn daħal f'applikazzjoni proviżorja fi Frar 2018.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament għandu delegazzjonijiet interparlamentari permanenti għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi u l-istituzzjonijiet Afrikani. L-entità ewlenija li fi ħdanha l-Parlament jikkoopera fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet hija l-[Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE](#), li tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiżni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u s-sħab tagħha tal-AKP, u li tiltaqa' darbtejn fis-sena. L-aħħar laqgħa saret f'Marzu 2019 f'Bucharest, u li jmiss se ssir f'Diċembru 2019 f'Kigali, fir-Rwanda.

Il-Parlament żviluppa wkoll forum ta' kooperazzjoni parlamentari mal-Unjoni Afrikana permezz tad-[Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-Parlament Pan-Afrikani](#) (PAP), li ġiet stabbilita fl-2009. Il-Parlament u l-PAP iwettqu superviżjoni demokratika tal-implimentazzjoni tal-JAES. L-aħħar laqgħa tagħha saret mis-16 sat-18 ta' Mejju 2018, f'Midrand (l-Afrika t'Isfel). Jeżistu wkoll relazzjonijiet parlamentari bilaterali stretti mal-[Afrika t'Isfel](#), li tqawwew bis-saħħa tas-[Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel](#) (2007) — l-unika sħubija strateġika bilaterali li l-UE għandha ma' pajjiż Afrikan. L-aħħar laqgħa interparlamentari saret f'Ottubru-Novembru 2018 f'Cape Town (l-Afrika t'Isfel). Minbarra dan, fis-16 ta' Novembru 2016 il-Kumitat għall-Iżvilupp adotta [riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija UE-Afrika](#) fid-dawl tas-Summit futur UE-Afrika f'Novembru 2017.

Gonzalo Urbina Treviño  
11/2019

